**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors numru : 391/2015 AL

AB
vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fit-13 ta' Marzu 1981 fil-Knisja Parrokjali tal-Mosta;

Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma' martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo datat 24 ta' Jannar 2002 u dana wara li gie awtorizzat sabiex jaghmel hekk permezz ta' digriet ta' dina l- Qorti datat 24 ta' Jannar 2002;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal jisimhom Matthew u Daniel ahwa Caruana li llum huwa tal-eta`;

Illi peress li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew sew iktar minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda pendenza dwar manteniment bejniethom;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Marzu 1981 u huwa minnu illi ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar 2002 u cioe' ilhom kwazi tlettax-il sena legalment separati;

Illi huwa minnu illi illum t-tfal huma maggorenni u ghalhekk ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment verso uliedu minn naha tar-rikrorenti u dana ukoll ghaliex it-tfal it-tnejn li huma jahdmu u ghandhom 'il fuq minn tlieta u ghoxrin sena. Illi l-eccipjenti kienet iddekadiet mill-obbligu ta' manteniment u dan skont il-kuntratt ta' separazzjoni liema kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

Illi di piu' ma tezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni mar-rikorrenti;

Illi l-eccipjenti taf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-kisb tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dina il-Qorti m'ghandhiex tichad it-talbiet rikorrenti;

Illi la darba ma kienetx l-eccipjenti li institwit il-proceduri ta' divorzju hija m'ghandhiex tkun il-persuna li ghandha tbati l-ispejjez u l-ispejjez kollha ghandhom jigu ssaporati fl-intier taghhom mir-rikorrenti;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2015;

Rat illi r-rikorrenti ikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament tieghu;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar, 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur